Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M. 10174 — Macquarie/Aberdeen/Ucles JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 87/06)

1. Fit-3 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Pentacom Investments (UK) Holdco Limited ("Macquarie", ir-Renju Unit), li tappartjeni għall-Macquarie Group,

— Aberdeen Standard European Infrastructure GP IV Limited ("Aberdeen", ir-Renju Unit), li tappartjeni għall-Aberdeen Group,

— Ucles InfraCo, S.L. ("Ucles", Spanja).

Macquarie u Aberdeen jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Ucles.

Il-konċentrazzjoni hija implimentata permezz ta' kuntratt ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Macquarie: tipprovdi servizzi bankarji ta' investiment globali u servizzi finanzjarji li jkopru riżorsi u kommoditajiet, enerġija ekoloġika, enerġija konvenzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji, infrastruttura u proprjetà immobbli;

— Aberdeen: ġestjoni ta' assi b'attività f'setturi li jinkludu t-trasport, l-infrastruttura soċjali, l-iskart u t-trattament tal-ilma u networks ta' produzzjoni b'enerġija nadifa;

— Ucles: provvista bl-ingrossa ta' servizzi ta' aċċess għall-broadband fi Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li dejjem tiġi speċifikata din ir-referenza:

M.10174 — Macquarie/Aberdeen/Ucles JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË